

Brussell, 23 ta' Novembru 2015  
(OR. en)

14303/15

LIMITE

FISC 160  
ECOFIN 884

#### NOTA PUNT "I/A"

---

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) - Rapport lill-Kunsill - Abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill

---

1. Fil-laqgħa tiegħu tat-18 ta' Novembru 2015, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta ddiskuta r-rapport mill-Grupp lill-Kunsill.
2. Bħas-soltu, dan ir-rapport għandu jkun akkumpanjat mill-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn taħt:

"Fir-rigward tal-Kodiċi ta' Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi), il-Kunsill:

- jilqa' l-progress miksub mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta matul il-Presidenza Lussemburġiża kif jinsab fir-rapport tiegħu (dok. 14302/15 FISC 159 ECOFIN 883);
- jilqa' b'mod partikolari l-qbil dwar il-gwida u n-noti ta' spjegazzjoni dwar id-diskrepanzi ta' entitajiet ibridi li jinvolvu pajjiżi terzi;
- jitlob lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-istatus quo u l-implimentazzjoni tal-iżmuntar u jistieden lill-Grupp biex jibda l-ħidma tiegħu skont il-Pakkett ta' Ħidma tal-2015;

- jistieden lill-Kummissjoni biex tkompli d-djalogu mal-Liechtenstein dwar l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-Kodiċi ta' Kondotta, kif jinsab fir-rapport;
- jistieden lill-Grupp biex ikompli bil-monitoraġġ tal-allinjament tar-reġimi tas-sistema ta' inċentivi tat-taxxa favur il-privattivi mal-approċċ nexus maqbul;
- jistieden lill-Grupp biex jirrapporta lura lill-Kunsill dwar il-ħidma tiegħu sa tmiem il-Presidenza Netherlandiża".

3. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden:

- jibgħat lill-Kunsill ir-rapport (dok. 14302/15 FISC 159 ECOFIN 883), flimkien mal-abbozz ta' Konklużjonijiet tal-Kunsill kif jinsab hawn fuq;
- jissuġġerixxi li huwa japprova t-tnejn li huma bħala punti "A" fl-aġenda tiegħu.

---